# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2247

Każ Nru 2972FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Chris Dimech Debono

u

Globe Ground Malta Limited

Dwar tkeċċija mill-impieg allegata

li hi nġusta

Data: 16 ta' Ottubru 2013

**Chairman: Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-każ ġie ntavolat permezz ta' rikors mill-Avv David Camilleri f'isem Chris Dimech Debono fid-9 ta' Novembru 2011 fejn ġie allegat li dana kien ġie illegalment liċenzjat fil-21 ta' Ottubru 2011 minn mas-Soċjetà Globe Ground Malta Limited. Is-Soċjetà Ntimata li kienet rappreżentata minn Joseph Cefai, *Human Resources Manager*, assistit mill-Avv Godwin Muscat Azzopardi u Alfred Mallia Milanes, innegat dan.

Inżammu tmien seduti. A tenur ta' l-Artikolu 78 (1 ) tal-Kap 452 irid jingħad illi minħabba n-numru ta' seduti l-każ ma setgħax jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

Irid jingħad illi ċ-*Chairman* odjern huwa it-tielet wieħed li qed jippresjedi f'dan il-każ. L-ewwel *Chairman* kien irrizenja wara s-seba' seduta waqt li ċ-*Chairman* li ssuċedih irriżenja meta l-każ kien għadu ma ġiex deċiż. Għaldaqstant iċ-*Chairman* odjern, li ngħatalu l-inkarigu fil-5 ta' Settembru 2013, ġie fdat b'każ li kellu l-provi taż-żewġ partijiet magħluqin u bit-trattazzjonijiet lesti u għalhekk fisikament ma ppresjeda fuq l-ebda seduta. Dan ifisser illi ma setgħax jidħol fil-fond waqt l-eżami tax-xhieda u ma setgħax jordna konfronti bejn xhieda dubjużi biex jittestja l-kredibiltà o meno tagħhom. Kellu quddiemu biss id-dokumentazzjoni kollha inkluż it-traskrizzjoni tax-xhieda.

## 2. Fatti tal-Każ

Ir-Rikorrent jgħid li huwa ġie illegalment liċenzjat minn mas-Soċjetà Globe Ground Malta Limited fil-21 ta' Ottubru 2011 minħabba li allegatament daħal tard għax xogħol fit-18 ta' Ottubru 2011 u ma għamilx *punch in* u jidhirlu li dan kollu kien fl-opinjoni tiegħu ġustifikat. Is-Soċjetà Ntimata tallega li l-imġieba tar-Rikorrent fuq il-post tax-xogħol kienet tirrifletti nuqqas ta' rispett u ubbidjenza lejn is-superjuri tiegħu. Oltre dan kien imwissi diversi drabi permess ta' *letters of warning* li ġew injorati minnu u finalment fit-18 ta' Ottubru 2011 naqas milli jirraporta għax-xogħol fil-ħin mingħajr ebda ġustifikazzjoni u dan wassal għal liċenzjament tiegħu.

## 3. Konsiderazzjonijiet

It-Tribunal jinnota li l-akkuża li r-Rikorrent kien irrapporta għax-xogħol tard fit-18 ta' Ottubru 2011 u fil-fatt ma ippanċjax kienet sostanzjalment aċċettata minnu *ex admissis* għad li ġġustifika r-raġuni għal dan (Dikjarazjoni tal-każ ta'Charles Dimech Debono fol.1). Dwar dan mela ma kienx hemm nuqqas ta' qbil. Sostanzjalment allura ma hemmx raġuni għaliex it-Tribunal ma għandux raġuni biex jaqta l-każ. Iżda konsiderazzjoni importanti hija jekk dan in-nuqqas huwiex tali li jimmerita s-sanzjoni estrema ta' tkeċċija peress li l-liġi tirrikjedi li r-raġuni trid tkun waħda valida u suffiċjenti. Għaldaqstant it-Tribunal ried jissottometti t-tkeċċija għat test tas-suffiċjenza. Is-Soċjetà Ntimata ppreżentat kopji ta' diversi twissijiet li tat lir-Rikorrent fuq perijodu ta' żmien. Għad li ma jistax jingħad li r-Rikorrent kien *serial late comer* diversi minn dawn it-twissijiet huma dwar l-attendenza tardiva tiegħu fuq ix-xogħol. Ir-Rikorrent jagħmel riferenza għal tliet twissijiet biss peress li jirritjeni li *promotion* li kien ħa jannullaw twissijiet preċedenti. It-Tribunal ma jaqbel assolutament xejn ma' din it-teorija għaliex waqt li nstagħab li l-kapaċità tar-Rikorrent kienet tali li kien jimmerita li jiġi promoss it-twissijiet saru fuq il-komportament tiegħu u mhux fuq l-abbiltà jew il-ħiliet tiegħu. Promozzjoni ma tfissirx awtomatikament xi amnestija ġenerali fuq nuqqasijiet preċedenti. Iżda huwa jagħmel riferenza għat-twissijiet li ngħatawlu fl-20 ta' Jannar 2011 (Dok GGM6), fil-25 ta' Jannar (Dok GGM7) u fil-21 ta' Ottubru 2011 (Dok GGM8) (kopji annessi mar-risposta tas-Soċjetà Ntimata datata 23 ta' Jannar 2012). Jekk wieħed jeżamina dawn it-tliet twissijiet biss għal grazzja tal-argument isib li l-ewwel twissija (GGM6) ingħatat għaliex ir-Rikorrent kiem mgħajjat għax xogħol waqt li kien allegatament frank għaliex inqala' xogħol urġenti u imprevist u huwa rrifjuta li jidħol. Fil-fehma tat-Tribunal ir-Rikorrent kien naqas li jikkopera u jekk kellu xi lment x'jagħmel kellu mezzi oħra biex jopponi d-deċiżjoni tas-Soċjetà Ntimata. Għal dak li jirrigwarda it-twissija GGM7 kienet okkażjoni oħra meta r-Rikorrent daħal tard għax-xogħol. L-aħħar twissija (GGM8) kienet dik li rriżultat fil-liċenzjament ta-Rikorrent u kif intqal ġiet ammessa minnu għad li ipprova jiġġustifika ruħu. Apparti minn dawn it-tliet twissijiet hemm oħrajn qabilhom li r-Rikorrent

jgħid jew li qatt ma rċevihom jew li kienu "annullati" permezz tal-promozzjonijiet li kien ħa wara li ngħataw.

Minn eżami bir-reqqa tad-dokumentazzjoni tal-każ jirriżulta bla dubju ta' xejn li r-Rikorrent kien ħati ta' dak li kien mixli bih. Wieħed irid jinkwadra dan kollu, partikolarment in-nuqqas ta' puntwalità mal-fatt li dak kien jinvolvi u possibilment jirriżulta fit-tardjar fit-*turnaround* tal-arjuplani. Dan sata' jirriżulta f'multi kbar (Joseph Cefai *HR Manager* seduta 5 ta' Marzu 2012 fol.7). Apparti min raġunijiet oħra dan il-fatt waħdu jissottolinea l-importanza ta' rappurtar għax-xogħol fil-ħin.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali isib li r-Rikorrent Chris Dimech Debono kien liċenżjat minn mas-Soċjetà Ntimata Globe Ground Malta Limited għal raġuni valida u suffiċjenti.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

**5. Drittijiet**

Għat-tenur tal-Avviż Legali 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet dovuti lill kull minn assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja